

# Innu lill-Madonna tal-Ġebla

Kitba ta' Mro. Manoel Pirotta
DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM
LMusTCL(Comp.)




*Kull Gżirjan nimmaġina li jaf bil-ġrajja mirakoluża tal-Madonna tal-Ġebla. Iżda forsi mhux kulħadd jaf eżatt kif twieled dal-innu f'ġieħha, u min hu l-awtur li kiteb il-versi tiegħu u l-kompożitur li mmużikah. Għaldaqstant, permezz ta' dal-artiklu ser neħodkom lura fl-istorja fis-snin ħamsinijiet tas-seklu li għadu kif għadda u ser inlaqqgħakom ma' Dun Anton Xiberras, qassis poeta Naxxari u Dun Dward Corrado, organista. Din hi l-ewwel darba li qed jidher tagħrif simili dwar dal-Innu li ksibtu mir-rivista 'Id-Djarju tan-Naxxar' li tagħha Dun Anton kien editur. Ta' dan nirringrazzja lis-Sur Paul Catania tal-aċċess li tani biex stajt nirriċerka fl-arkivju tal-parroċċa Naxxarija. Nixtieq niżżi ħajr ukoll lil: Dun Karm Tanti talli għoġbu jgħaddili xi ritratti sbieħ dwar das-suġġett u lil Mro. George Debono li min-naħa tiegħu għoġbu jgħaddili kopja elettronika tal-innu. Nirringrazzja wkoll lil Carmel Portelli tar-ritratti li għoġbu jgħaddili ta' Dward Corrado u minn hawn nixtieq insellem il-memorja tiegħu peress li ħalliena aktar kmieni dis-sena.*

F'ħajtu Dun Anton Xiberras (1922-2006) kiteb volum kbir ta' poeżija u proża li tinkludi stejjer, rakkonti, ħrejjef u leġġendi barranin, drammi, buzzetti, skizzi u x'naf jien, li uħud minnhom ġew mitbugħin f'kotba jew dehru f'rivisti u ġurnali lokali ta' dak iż-żmien. Oħrajn ġew stampati bħala sunetti. Għadu s-seminarju, kien diġà jħarbex xi poeżija. Fl-1943 kien waqqaf il-fergħa Naxxarija tax-'Xirka tal-Malti għat-Tfal' li nzertat it-tieni fergħa wara dik tal-Gżira mwaqqfa minn Bro. Amery Charles Caruana, fsc. Għal xi żmien qasir ukoll, kien President tal-'Għaqda Artistika Naxxarija' mwaqqfa fl-1948. Sfortunatament, din kellha twaqqaf ħidmietha wara li ntbagħat fil-parroċċa Ġiljaniża fuq stedina tal-Arċisqof Gonzi ħalli jgħin lill-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Debono, Naxxari bħalu. Kien hawnhekk ukoll li ltaqa' u sar jaf lil Dun Pawl Galea. Fl-1946 imbagħad, ta bidu għar-rivista Naxxarija 'Id-Djarju tan-Naxxar' li tagħha kien l-editur. F'waħda mir-rivisti, Dun Anton kien iddeskriva lilu nnifsu bħala poeta li b'kitbietu ried jagħmel ġieħ lir-raħal twelidu. Kien ukoll ġabar għadd imdaqqas ta' kitbiet mxerrdin ta' pinen Naxxarin u kien beda jħeġġeġ xi żgħażagħ ħalli jiktbu. Infatti, ħafna kienu dawk li tħajru u baqgħu jiktbu. Bħala poeta, Dun Anton kien rebaħ ukoll għadd ta' premijiet għal poeżiji bil-Malti f'konkorsi differenti. (Fir-ritratt: Dun Anton Xiberras)

Skont id-'Djarju tan-Naxxar' Ġunju 1951, Għadd nru 21, p. 71, kien Dun Pawl Galea stess li, malli laħaq Kappillan tal-Gżira, talab lil Dun Anton 'biex jagħmillu tliet strofi bħala Innu lill-Madonna tal-Ġebla, miqjuma fil-Knisja Parrokkjali tal-Gżira.' Il-poeta kien ġa ddedika poeżija lil Dun Pawl fl-okkażjoni tal-Pussess

tiegħu fit-18 ta' Marzu 1951 bħala l-kappillan l-ġdid tall-Gżira. F'dil-poeżija, fost il-ħafna tifħir li għoġbu jżejnu bih, kien sejjaħlu 'missier l-aktar ħanin'. Dun Pawl, imwieled in-Nadur, kien bil-wisq attiv fil-ħajja parrokkjali Ġiljaniża qabel ma mar il-Gżira wara l-mewt tal-Kappillan Dun Karlu Manchè. Kien ukoll strumentali ħafna biex titwaqqaf l-ewwel banda f'das-subborg marittmu. (Fir-ritratt jidher parti mill-kwadru bix-xbieha tal-Madonna)



Fl-artiklu tiegħu 'Innu ta' Naxxari ġdid Mużikat', datat it-12 ta' Lulju 1951, insiru nafu li Dun Anton għamel użu mill-vers tal-għaxra (dekasillabu) minħabba l-mużika. Fil-każ tar-ritornell imbagħad, il-poeta ħaddem il-vers tat-tmienja (ottonarju) li spiss niltaqgħu miegħu fil-kwartini tal-għana popolari. Dun Anton ma naqasx li fl-artiklu jikkwota r-ritornell peress li l-qofol tal-ġrajja kollha jinsab f'dawn l-erbat ivrus: *Jekk barrani kasbar ġieħek;/ Meta ġebla tefa' għalik; / Aħna biss vleġeġ ta' mħabba, / Għandna jtiru għal ġo fik.*

Skont Dun Anton ukoll, Dun Dward Corrado, qassis twajjeb u pulit, kien indaħal biex jimmużika l-Innu. Dal-qassis fil-parroċċa tal-Gżira kien jgħallem il-Kant Gregorjan fis-Seminarju lill-istess Dun Anton u kien ukoll Assistent Surmast tal-Cappella ta' San Ġwann il-Belt bħala organista. Kien ukoll l-Assistant Ekkleżjastiku tal-Aspiranti u l-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika u mhux l-ewwel darba li kien jiġborhom fil-kamra tiegħu, fid-dar tal-Kappillan, biex isemmgħalhom id-diski operistiċi fuq il-grammafonu u jakkumpanjahom fil-kant fuq orgni żgħir li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Dun Carrado kkompona diversi innijiet fosthom, l-Innu lill-Madonna tal-Ġebla. (Fir-ritratt: Ħbieb tal-A.K. flimkien mal-qassisin Corrado u Manchè)

Jidher li, Dun Anton kien kuntent ħafna bil-mużika ta' dal-innu għax fi kliemu stess, 'il-mużika irnexxiet mhux ftit.' Hu jkompli jżid jgħid li, 'l-istrofa prinċipali timxi devota, imma r-ritornell jimxi qawwi u fl-istess ħin devot.' Skontu wkoll, l-Innu 'tkanta l-ewwel darba fil-pubbliku fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, nhar il-Festa tat-Titular tal-Gżira Tal-Karmnu, nhar it-8 ta' Lulju, 1951, mal-banda karmelitana taż-Żurrieq.' Huwa jagħlaq l-artiklu tiegħu billi jinfurmana li, 'il-mużiku u l-poeta kienu preżenti u kantaw mal-kor tat-tfal.' Kif kien mistenni, l-








Innu ddedikat lill-Madonna tal-Ġebla intlaqa' tajjeb ħafna mill-Gżirjani tant li, 'minn idejn in-nies ħarġet ċapċipa kbira'. Il-ġurnal t'ispirazzjoni Kattolika 'Leħen is-Sewwa' tal-4 ta' Lulju ukoll ma naqasx milli jxandar dil-aħbar, u jżid jgħid li kienu fil-fatt 'it-tfal tal-Parroċċa li kantaw dan l-Innu mal-Banda għall-ewwel darba fil-festa tal-1951'. (Fl-istampa: parti tal-Innu)

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gżirjani għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari tal- Madonna tal-Karmnu li qed tiġi solennement iċċelebrata ġewwa l-Gżira; (b) fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998 taħt id-direzzjoni tiegħi.

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)*






*Nirringrazzjaw b'mod speċjali lid-ditti kollha li offrew reklami għal dan il-ktieb għax bil-ħila tagħhom stajna noħorġu din il-pubblikazzjoni.*

*Nirrikmandaw il-prodotti u s-servizzi riklamati mid-ditti u l-ħwienet f'dan il-ktieb.*

**Grazzi**